MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 87/2018 LM

**Automated Revenue Management Services Limited (C 46054)**
*("is-soċjetà appellata")*

***vs*.**

**Dhalia Valletta Limited (C 22364)**
*("is-soċjetà appellanta")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Dhalia Valletta Limited (C 22364)** [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà appellanta"] minn (a) lodo arbitrali mogħti fl-Arbitraġġ numru EW5048/2017 fil-11 ta' Lulju, 2018, [minn issa 'l quddiem "il-lodo arbitrali"], mit-Tribunal tal-Arbitraġġ [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"] fiċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta [minn issa 'l quddiem "iċ-

Ċentru"], li permezz tiegħu ddeċida billi laqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti **Arms Revenue Management Services Limited (C 46054) f'isimha proprju u għan-nom tal-Enemalta plc (C 65836) u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma** [minn issa 'l quddiem is-soċjetà appellata] fil-konfront tagħha, filwaqt li ordna li għandha tħallas l-ammont ta' ħdax-il elf, tmien mija u ħamsin Euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€11,850.76c), u kif ukoll l-ispejjeż kollha skont kif mitlub fl-Avviż tal-Arbitraġġ u bl-imgħaxijiet kummerċjali; u (b) id-deċiżjoni tad-9 ta' Diċembru, 2017, fejn it-Tribunal ma sabx li r-raġuni li tat is-soċjetà appellata kienet tiġġustifika l-istat ta' kontumaċja tagħha.

## <u>Fatti</u>

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw il-ħlas pretiż mis-soċjetà appellata fil-konfront tas-soċjetà appellanta, ta' €11,850.76 rappreżentanti s-somma ta' kontijiet għall-konsum tal-elettriku u tal-ilma, kera ta' *meters* tal-istess servizzi, spejjeż amministrattivi, *connection* u *disconnection fees,* u l-imgħax bir-rata ta' 6% kull sena, kollha relatati mal-kont numru 101000255825 fir-rigward tal-fond numru 25A, Triq l-Ifran, Valletta.

## <u>Mertu</u>

3. Is-soċjetà appellata intavolat il-proċeduri tal-Arbitraġġ permezz ta' Avviż tal-Arbitraġġ li ġie ppreżentat fis-17 ta' April, 2017, fil-konfront tas-soċjetà appellanta, fejn filwaqt li fissret li n-natura tat-talba tagħha kienet tirrigwarda

tilwima marbuta mas-servizz tal-elettriku u tal-ilma, iddikjarat li l-pretensjoni tagħha kienet għall-ħlas tas-somma ta' €11,850.76 kif spjegat fil-paragrafu preċedenti, u dan flimkien mal-ispejjeż ta' dik il-proċedura u tal-ittra uffiċjali li kienet ġiet ippreżentata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) skont l-artikolu 166A tal-Kap. 12 u bl-imgħax kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv.

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fis-7 ta' Awwissu, 2017, fejn iddikjarat li hija kienet ilha ma tokkupa jew tagħmel użu mill-fond indikat fl-Avviż għal perijodu twil, inkluż dak il-perijodu mertu tat-talba. Din ir-risposta ġiet ippreżentata wara t-terminu mogħti miċ-Ċentru, li għalaq fit-18 ta' Mejju, 2017, u permezz ta' rikors ippreżentat fil-15 ta' Settembru, 2017, is-soċjetà appellata ttentat tiġġustifika l-kontumaċja tagħha. Iżda bid-deċiżjoni tiegħu tad-9 ta' Novembru, 2017, t-Tribunal ċaħad it-talba.

## Il-Lodo Arbitrali

5. It-Tribunal wasal għal-lodo arbitrali wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"__Kunsiderazzjonijiet__*

*L-Arbitru wara li semgħet ix-xhieda u rat d-dokument eżebiti fl-atti ta' dan l-Arbitraġġ, hija tal-fehma kunsiderata li t-talba tas-soċjetà rikorrenti Automated Revenue Management Services Limited hija ġustifikata u timmerita konferma, u dan għal ammont ta' ħdax-il elf, tmien mija u ħamsin ewro, u sitta u sebgħin ċenteżmu (Ewro11,850.76c).*

*Illi jirriżulta li s-soċjetà intimata debitament notifikata baqgħet kontumaċi. L-istat ta' kontumaċja huwa ekwivalenti għal kontestazzjoni, u għalhekk huwa importanti li*

*jittieħdu in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti. L-Arbitru wara li ħadet konjizzjoni tal-provi u d-dokumentazzjoni prodotta, hija tal-fehma li t-teżi avvanzata mis-soċjetà rikorrenti hija waħda kredibbli, u li timerita akkoljiment.*

*Għaldaqstant, in vista tal-premess, is-soċjetà intimata qiegħda tiġi ordnata tħallas l-ammont ta' ħdax-il elf, tmien mija u ħamsin ewro, u sitta u sebgħin ċenteżmu (Ewro 11,8950.76), u kif ukoll l-ispejjeż kollha kif mitlub fl-Avviż tal-Arbitragg kontra l-istess soċjetà intimata, u bl-imgħaxijiet kummerċjali."*

## <u>L-Appell</u>

6. Is-soċjetà appellanta intavolat ir-rikors tal-appell tagħha fit-30 ta' Lulju, 2018, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka ż-żewġ deċiżjonijiet li għalihom tagħmel riferiment, jiġifieri dik tad-9 ta' Diċembru, 2017, li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda dwar il-kontumaċja tagħha, u anki s-sentenza li permezz tagħha ġiet deċiża t-talba tas-soċjetà appellata, jiġifieri l-lodo arbitrali. L-aggravju tagħha jirrigwarda d-deċiżjoni tat-Tribunal li tiċħad il-kontumaċja tagħha, liema kontumaċja s-soċjetà appellanta tinsisti li kienet ġustifikata.

## <u>Ir-Risposta tal-Appell</u>

7. Is-soċjetà appellata wieġbet permezz ta' risposta ippreżentata fis-27 ta' Awwissu, 2018, fejn talbet għall-konferma tad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal fid-9 ta' Diċembru, 2017, u anki tal-lodo arbitrali, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà appellata.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. L-appell interpost mis-soċjetà appellata jippreżenta aggravju uniku li huwa d-deċiżjoni żbaljata tat-Tribunal li l-kontumaċja tagħha ma kinitx waħda ġustifikata. Ma hemmx kontestazzjoni min-naħa tagħha li hija kienet ġiet debitament notifikata, saħansitra f'żewġ indirizzi diversi, u hija stess tammetti li ma kienet intavolat l-ebda risposta u għalhekk kienet fi stat ta' kontumaċja. Tissottometti li t-Tribunal kien permezz ta' sentenza tad-9 ta' Diċembru, 2017, ikkunsidra l-ġustifikazzjonijiet għall-kontumaċja tagħha, iżda ċaħad it-talba tagħha sabiex tiġi awtorizzata twieġeb għall-pretensjoni tas-soċjetà appellata. Hawnhekk tinsisti li għalkemm it-Tribunal sejjaħ id-deċiżjoni tiegħu "*digriet*", din kienet veru u proprju sentenza u tagħmel riferiment għal żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kummerċjali[1] in sostenn tal-argument tagħha.

9. Il-Qorti taqbel u tagħmel riferiment għas-sentenza aktar riċenti tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) tal-3 ta' Diċembru, 2014, fl-ismijiet **Carmelo Galea *vs.* Olga Agius et**[2]**,** fejn ġie senjalat:

> *"Kif ġie ritenut minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tal-20 ta' Jannar, 1986 fil-kawża fl-ismijiet **Albert Mizzi et noe v. Emmanuel Navarro**, deċiżjoni ta' Qorti tal-ewwel grad dwar il-ġustifikazzjoni o meno tal-kontumaċja mhix sempliċi digriet interlokutorju, iżda sentenza vera u proprja. Bħala tali – u indipendentement mill-Artikolu 231(1) – ir-rikors ta' appell kellu jiġi preżentat fi żmien għoxrin jum mid-data ta' dik is-sentenza – Artikolu 226(1), Kap. 12. F'każ fejn ikun hemm bżonn il-permess skont l-Art. 231(1), xorta waħda l-appell irid jiġi preżentat fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tas-sentenza – ara f'dan ir-rigward **Markiża Beatrice Cremona Barbaro of St George noe v. Joseph Vella Galea et***

[1] Alfred Gatt nomine vs. Salvino Sullivan et nominee, 27.04.1987 u Pullilcino nomine vs. Mifsud nominee, 29.02.1984.
[2] App.Ċiv. 1547/1998.

*Qorti tal-Appell, 16 ta' Dicembru, 2003 (fn. 3 Ara wkoll* passim ***Gorg Vella noe et v. Reverendu Charles Cordina*** *Qorti tal-Appell, 9 ta' Frar, 2004)."*

10. Anki fil-każ odjern is-soċjetà appellata kellha tosserva d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 226(1) tal-Kap. 12, iżda jirriżulta li t-terminu ta' għoxrin jum mid-data tad-deċiżjoni tal-Arbitru mogħtija fid-9 ta' Diċembru, 2017, laħaq iddekorra sew meta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-30 ta' Lulju, 2018.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddikjara l-appell bħala irritu u null u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-imsemmi lodo arbitrali jibqgħu kif deċiżi mit-Tribunal, filwaqt li dawk ta' l-appell odjern għandhom jitħallsu wkoll mis-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**